għadhom kemm qatlu lil ħuthom u jiġu jilqgħu l-Ostja u mbagħad jarmuha biex jagħmlu vendikazzjoni mill-Ewkaristija.' Issa aħna ta' rieda tajba meta nitqarbnu, nitqarbnu bil-qalb biex inpattu għal dawn in-nies li qegħdin jitqarbnu ħażin.... Dażgur li qiegħed isofri l-Mulej Ġesù ta' l-Ewkaristija ...

## APRIL 1996

Ġuża qalet li nhar Sibt il-Għid, "jiena kont mejta. Ibbiesu idejja, ibbissuli saqajja, rasi xħettha hekk u bdejt nitlob issoltu, 'Mulej, Ġesù, Ġesù rebbieħ, Ġesù ħaj mal-Mulej Missier fis-sema, ismagħni, ħu ħsiebi għaliex il-lejla għandi bżonnok jiena u ma nistax noqgħod mingħajrek. Mulej x'ħa nagħmel għaliex il-lejla ħa mmut għax ħiereġ minni għaraq tal-mewt.' Waqajt fl-art u ma stajtx nimxi pass. Għidtlu, 'Mulej agħtini grazzja kbira li nitla' f'kamarti.'

Hadt id-direzzjoni ta' kif għandi nagħmel. Kelli l-bieb mingħajr stanga u għalhekk ċempilt lil xi ħadd u għidtlu, 'Father, jiena ninsab f'pożizzjoni ħafna ħażina. Naħseb li dan il-lejl jiena għandi mmut. Nixtieq il-griżma u nixtieq lil Ġesù ta' l-Ewkaristija.' Qalli, 'Imma ma nafx x'ħin nasal għaliex għadna kemm lestejna mill-knisja.' Għidtlu, 'Ma jimpurtax, imma agħmel naqra sagrifiċċju u ejja.' Insomma l-Mulej Ġesù ta' l-Ewkaristija, bejn wieħed u ieħor wasal għal xi l-ħabta ta' nofs il-lejl neqsin ħames minuti.

Jiena kif ħassejtu lil Ġesù għidtlu, 'Għażiż Ġesù, illum ġejt għand Ġuża l-magħtuba, għax magħtuba bl-uġigħ, idejja tgħawġuli bl-uġigħ, saqajja wkoll, ruħi donna qegħda ġo ħalqi.' Insomma jiena ma nistax infissrilkom x'esperjenza kbira ħadt illum minn Ġesù ta' l-Ewkaristija. Illum ġie jżurni fl-agunija tiegħi imma tanti ħafna affarijiet. Lil Ġesù għidtlu, 'Kun inti t-tabib spiritwali u materjali ta' ruħi u ta' ġismi.' Illum Hu kien, illum veru li t-tabib ta' ruħi u ta' ġismi Hu kien. Użajt lil Alla u tani grazzji kbar ħafna. Ma tanix pilloli, ma tani xejn, imma tani lilu nnifsu ...

Jiena lil Ġesù kont ikkunsmajtu u bdejt nitolbu imma mbagħad qbadt it-teka u bdejt nagħmilha ma jdejja, l-ewwel ma idi l-leminija, mbagħad ma idi x-xellugija, imbagħad għamilt salib fuq rasi b'din it-teka. Imma jiena verament ħa ngħidilkom li l-Mulej Ġesù ta' l-Ewkaristija f'dan il-lejl tal-glorja Tiegħu għamel miegħi ħwejjeġ u ħwejjeġ l-aktar kbar. Hwejjeġ qaddisa għamel miegħi illum, miraklu kbir għamel miegħi llum ...

Veritas Press - Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 26 27 LULJU 1996 JITQASSAM BLA ĦLAS

# IL-BASTUN TA' SAN ĠUŻEPP

Ħdejn l-istatwa ta' San Ġużepp, li għadha kemm ġiet imbierka fil-5 ta' Mejju 1996, hemm lapida bil-kliem li dan il-qaddis qal lil Ġuża f'dehra li hi tgħid li kellha minnu fid-29 ta' Settembru 1995. Din ma kinetx l-ewwel darba li Ġuża kellha x'taqsam ma' San Ġużepp, kif nistgħu nifhmu minn dak li qal Charles Attard, membru tal-Kumitat Madonna tal-Konsagrazzjoni.




### Intervista ta' "Charlie"

Charlie qal li kien ilu li talab lil Ġuża Mifsud biex imorru l-Girgenti biex jagħmlu l-istorja ta' l-istatwa ta' San Mikiel. Fl-

aħħar iddeċidew li jmorru l-Girgenti fis-6 ta' Ottubru 1993 għal-ħabta tal-5 p.m. U hekk għamlu.

Dakinhar it-temp ma kienx ikrah. Imma l-ġurnata ta' qabel għamlet ħafna xita u peress li ftit ġranet qabel il-bdiewa kienu ħartu l-għelieqi u l-ħamrija kienet imxappa bl-ilma u ratba ħafna. Meta waslu l-Girgenti ġibdu għat-Troll ta' fuq. Hemm sabu wieħed minn ulied ħu Ġuża. Peress li ma setgħux jibqgħu deħlin bil-karrozza, kellhom ikomplu bil-mixi. Ġuża kienet megħjuna minn Charlie u n-neputi tagħha. Wara li mxew xi 150 jarda, in-neputi kellu jitlaqhom biex imur isaqqi. Huma u mexjin Ġuża qalet lil Charlie: "X'bastun għandu ħelu!" Imma Charlie ma fehemx għal min kienet qed tgħid. Dak il-ħin u waqt li Ġuża kienet qed turi lil Charlie fejn kellu jmur jieħu r-ritratti, kien hemm riħa qawwija ta' fjuri u Charlie ħass paċi u ferħ kbir waqt li l-uġigħ li kien ġiegħelu jzappap għal aktar minn xahar, f'daqqa sparixxa u hu ħass ruħu ħafif qisu se jtir.

Meta reġa' lura ħdejn Ġuża, sabha tistrieħ fuq il-bastun li kien daħal mhux ħażin fil-ħamrija. Wiċċha kien jidher imdawwal u ferħan, waqt li għajnejha kienu jħarsu għal fuq is-siġar ta' madwarhom qisha qed tara xi viżjoni. Il-fwieħa qawwija ta' fjuri kienet għadha hemm. Bi tbissima fuq fommha Ġuża saqsiet lil Charlie: "Rajt xi ħaġa?" Hu wieġeb: "Le". Imma dik il-fwieħa li kien hemm, il-ferħ li ħass u l-enerġija li kellu, ikkonvinċew lil Charlie li kien ġara xi ħaġa mhux tas-soltu. Ġuża kompliet: "Kemm ħadet pjaċir bina l-Madonna!" Charlie wieġeb: "Mela ġejja gwerra!..." "Tibżax", qaltlu Ġuża, "se jkollna inkwiet, ta! Imma nerbħulu!"

**Il-Bastun ta' San Ġużepp**

Għall-mistoqsija jekk Ġuża qaletx li rat lil San Ġużepp, Charlie wieġeb: "Ġuża qalet li rat lil San Ġużepp bil-bastun f'idu". Tant hu veru li l-bastun li kienet bih dakinhar semmejnieh "il-bastun ta' San Ġużepp". Dak il-bastun qiegħed fil-kamra tal-Girgenti u aħna konna ftehemna li meta jkollna l-istatwa ta' San Ġużepp, aħna, dak il-bastun (dak tal-boċċa) nagħmluh ma' l-istatwa.

Ġuża insistiet li ssir l-istatwa ta' dan il-qaddis; ħa l-inkarigu Charlie stess, imma min kellu jaħdem l-istatwa ma għamel xejn. Għalhekk Nikol Cachia, membru ieħor tal-Kumitat, ħa ħsieb iġib



l-istatwa ta' San Ġużepp bil-kunsens ta' Ġuża Mifsud. Charlie jgħid li Ġuża damet tara lil San Ġużepp il-ħin kollu li hu dam jieħu r-ritratti u meta reġa' lura hi kienet għadha tħares 'il fuq mis-siġar, qisha għandha viżjoni. Il-fwieħa li kien hemm hija xhieda ta' dak li ġara.

**L-inkwiet imħabbar**

L-inkwiet li Ġuża ħabbret ma damx ma wasal. Il-Ħadd ta' wara, 10 ta' Ottubru 1993, Charlie ħareġ jistad ma' ibnu u l-professur Edward Plimmer. Meta kien 'l barra sew u ma kinux jobsru f'liema periklu kienu, Ġuża ċemplet lil Charlie. Imma qatet minufih. Charlie basar li kienet Ġuża li ċemplet u nduna bil-periklu serju li kienu fih. Bl-għajnuna t'Alla irmedjaw u reġgħu lura qawwijin u sħaħ. L-intervent ta' Ġuża salvathom; imma qatt ma spjegat lil Charlie kif kienet taf bil-periklu.Dan l-inċident ġie rrappurtat fil-fuljett No. 17, ta' Jannar 1994.

## IL-PELLEGRINAĠĠ TAL-5 TA' MEJJU 1996

L-għaxar anniversarju tat-tlugħ tal-istatwa tal-Madonna fil-Girgenti, ġie ċċelebrat b'pellegrinaġġ kbir, mit-Troll t'isfel sal-post tal-laqgħat ta' talb fejn hemm l-istatwa.

Il-Kumitat ħaseb kmieni u ħejja kollox bir-reqqa. Kulħadd ta s-sehem tiegħu: saru avviżi speċjali fil-gażżetti u fuq ir-radio, twaħħlu *loud-speakers* fuq il-karrozza li minnha kien jinstema' r-rużarju waqt il-pellegrinaġġ, ittieħdu ritratti tal-folla kbira li mxiet wara l-kurċifiss kbir u l-bandalora tal-Madonna. Kien hemm ukoll tifla żgħira iġġorr statwa tal-Madonna ġewwa qoffa mimlija fjuri u tfal oħra jakkumpanjawha.

Meta kulħadd wasal fil-post ta' talb li kien imżejjen għall-okkażżjoni bil-bozoz ikkuluriti mixgħula, bukketti ta' fjuri quddiem l-istatwa tal-Madonna u ħafna xemgħat jixgħelu, f'kaxxa kbira ġdida li saret dan l-aħħar, indaqq l-innu tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u Ġużè Mifsud għamlet id-diskors tant mistenni



**Il-folla li attendiet għall-pellegrinaġġ tal-5 ta' Mejju 1996**

tagħha (li siltiet minnu jidhru f'fuljett ieħor).

Wara Ġuża, tkellmu s-saċerdoti preżenti u bierku l-istatwa l-ġdida ta' San Ġużepp fejn hemm ukoll lapida bil-kliem li Ġuża tgħid li S. Ġużepp qalilha meta dehrilha fid-9 ta' Settembru 1995. Il-laqgħa spiċċat billi tbierku t-tfal żgħar u xi statwi żgħar tal-Madonna.

Nagħtu ħajr lil dawk kollha li b'xi mod ikkontribwew biex il-pellegrinaġġ u l-festa tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni ikun suċċess *ad unur* ta' Marija Santissma.

## GRAZZJI MAQLUGHA

1. **Rapport ta' Esther Vassallo, minn Ħal Qormi, f'Jannar 1996.**

It-tifla tagħna, Grazzjella, xebba ta' għoxrin sena, kienet qegħda taħdem fil-fabbrika fejn tmur għax-xogħol. Kif kienet fuq il-lift, f'daqqa waħda tfixklet u waqgħet għal isfel minn għoli ta' żewġ sulari.



Wieħed jista' jaħseb li waqgħa bħal din kellha tkun fatali u ġġib konsegwenzi serji. Safrattant, Esther issostni, Grazzjella mhux biss ma korrietx imma lanqas kellha girfa waħda. Qalet li x-xebba ġiet fuq xi kaxxi li kien hemm isfel.

Wara dan l-inċident Grazzjella qalet lil ommha: "Il-Madonna salvatni; għax jien u nieżla ħassejt bħallikieku xi ħadd kien qed iżommni minn xagħri."

Nifirħu lil Grazzjella għad-devozzjoni tagħha lejn il-Madonna u għall-ħarsien speċjali li Marija Santissma tatha f'dan l-inċident.

2. **Josephine Gatt, minn Ħal Mula, Żebbuġ.**

Josephine tgħid, fir-rapport tagħha, li kellha saqajha juġgħuha u li dan l-uġigħ sewdilha qalbha. Talbet lill-Madonna biex tfejjaqha u wegħditha li jekk tfejjaqha, ixxandar din il-grazzja. Minnufih ġieha f'moħħha li tmur il-clinic. U hekk għamlet. It-tabib ta xi pilloli li meta ħadithom fieqet għal kollox mill-ewwel.

3. **Intervista ta' Ġorġa Bonello mis-Siġġiewi.**

Xi snin ilu, f'intervista, Ġorġa rrappurtat il-fatt li ġej. Ommha, Karmena, xiħa ta' aktar minn sebgħin sena, waqgħet għal wiċċha u ħabtet l-għadma ta' mneħirha ma' l-art. Dehret ġerħa fuq l-imnieħer ta' Karmena u Ġorġa ħadet l-ilma tal-Girgenti li kellha d-dar tagħha u xappitilha l-ġerħa bih.

L-għada dehret qoxra f'post il-ġerħa u dakinhar stess il-qoxra waqgħet u ma baqa' l-ebda sinjal tal-ħabta jew tal-ġerħa kif is-soltu jibqa' meta tfiq xi ferita. Dan il-fatt, Ġorġa u l-familja kollha iqisuh bħala grazzja kbira li l-Madonna għamlet favur Karmena, li għadha sallum mimlija bil-għomor. **Grazzi Madonna.**

4. **E.J. mill-Imsida tirringrazzja lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni għall-grazzja kbira li qalgħet.**

Binha jinsab imfejjaq għal kollox u issa jista' jgħix ħajja normali u jkompli l-istudji tiegħu flimkien ma' sħabu. Huwa qed jieħu parti f'kors tal-ġinnastika u sport.

**N.B.** Oħrajn bagħtu xi flus bħala ringrazzjament lill-Madonna, imma ma taw l-ebda dettalji tal-grazzji li qalgħu.

DIKJARAZZJONI: Il-Bord Editorjali ta' dan il-Fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.

# Siltiet mid-diskors ta' Ġuża Mifsud, il-Girgenti

## 17 TA' JANNAR 1996

Għal din il-laqgħa attenda Mons. Carmelo Xuereb, li wara li ntqal ir-rużarju għamel din l-osservazzjoni, "Fil-litanija hawn l-invokazzjonijiet 'Xebba kollok għaqal', 'xebba li tistħoqq kull qima', 'omm u xebba', li lili ma jogħġbunix. Lill-Madonna ma ngħidulhiex xebba imma ngħidulha verġni, 'omm u verġni'. Ix-xbubija fil-Maltin ma tfissirx verġinità, tista' tkun xebba u tista' tkun omm. Iżda sabiħa l-invokazzjoni 'Omm u Verġni'. Meta xebba ssir omm, ngħidu, "Dik ix-xebba miskina saret omm. Miskina.' Lill-Madonna għandna nsejħulha verġni u tant tieħu gost meta nsemmulha l-verġinità tagħha..".

## 4 TA' FRAR 1996

Ġuża fetħet din il-laqgħa billi qalet, "Illum aħna rridu nkunu ta' xhieda għalina nfusna, għal Malta, għall-barranin u għal kulħadd. Irridu nkunu l-ambaxxaturi tal-Mulej ma kulħadd, irridu nkunu xhieda ma kulħadd u mhux lil dak nidħaqlu u lil dak le. M'għandniex nagħmluhom dawn l-affarijiet, ħbieb, tafux. Min għandu xi ħaġa f'qalbu kontra ħaddieħor u jisma' għaxar quddisiet ma jieħu minnhom xejn ġid spiritwali għaliex il-kbir Alla iridna nkunu unjoni ma' kulħadd, ħbieb ma kulħadd, safjin ma kulħadd u ma jkollna xi ngħidu ma ħadd. Irridu nkunu ħbieb bħal aħwa fid-dar u ma jkollniex mibegħda u ġlied u nkwiet. Din kull darba ngħidha jiena...

Għandna bżonn nitolbu għaliex sa l-elfejn ħa naraw ħafna *trouble* tafux. Anke f'Malta tagħna, ma jkollniex ċajt u mibegħda.... Ma għandux ikollna ċajt mir-rappreżentanti tagħna kemm tal-knisja, kemm tal-politika u kemm ta' naħa u kemm ta' oħra.... Inkunu kemm nistgħu fil-grazzja t'Alla għaliex mal-mewt jispiċċa kollox, ma jibqagħlek xejn x'tikkmanda. Wara l-mewt addio d-dar.



Naħsbu kemm nistgħu f'Alla, naħsbu fl-eternità, nahsbu fin-novissmi.... Niftakru fl-anġlu kustodju tagħna; jiena kelli l-grazzja li narah l-anġlu kustodju tiegħi. Kemm hu sabiħ l-anġlu kustodju! Niftakru fl-anġlu kustodju tagħna biex imexxina kull ħin u kull mument lejn it-triq ċelesti tal-Ġenna.... Jiena ma kontx insemmih l-anġlu kustodju u l-Mulej tani grazzja illi bil-lejl kont qegħda ngħid ir-rużarju b'meditazzjoni u minnufih nara tfajjel sabiħ b'libsa bajda silġ.

## MARZU 1996

"Nhar l-Erbgħa 13 ta' Marzu għal ħabta ta' xi s-1.30 a.m. kelli nqum mis-sodda. Imbagħad kelli viżjoni daqs din it-tazza oħra ta' kalċi iswed qisu tal-kewba bħal dawk li jkollhom tal-missjoni. Ġo dan il-kalċi nara Ostja wieqfa u minnha nieżel id-demm, iqattar ġo dan il-kalċi. Il-kalċi kien daqs din it-tazza darb'oħra, imbagħad isfel kellu s-sieq.... Jiena smajt ħafna affarijiet minn dik l-Ewkaristija. Din l-Ewkaristija veru fiha d-demm u l-laħam jaħasra, mhux hawn ħafna moħqrija fuq l-Ewkaristija..."

Aktar tard Ġuża qalet, "Hawn nies jgħidulek, 'Għandi aptit inneħħi ħajti b'idejja u xbajt fid-dinja!' Għalfejn nixbgħu fid-dinja mal-mard? Ma tafux kemm nistgħu insalvaw erwieħ bis-sabar u bil-paċenzja jaħasra!

Hawn xi nies, anka f'Malta wkoll hawn, illi jmorru jitqarbnu mingħajr ma jkollhom intenzjoni għat-tqarbin. Saċerdoti ukoll qegħdin fuq il-qalb tal-Mulej Ġesù u ta' l-Ewkaristija għaliex dak il-ħin illi jkunu jagħmlu l-affarijiet tal-quddiesa jkunu sew u mbagħad imorru mal-kurrent tad-dinja. Il-Mulej qiegħed jiddispjaċih ħafna għaliex fis-sema qiegħed jitla' ħafna inċens iswed minħabba d-dnubiet u qiegħed jisgħobih ħafna minħabba d-dnub kontra l-imqaddsa purità ... imbagħad ineħħu t-tfal bl-abort. Jien mhux b'rajja ngħidhom dawn l-affarijiet imma jkolli ngħidhom. Noqogħdu sew ġo Malta u għandna bżonn li nitolbu ħafna u ħafna għad-dinja kollha....

Fil-viżjoni li kelli Ġesù qalli, 'Jistgħu jkunu jdejn bid-demm illi

Ibagħtu l-korrispondenza tagħkom – opinjonijiet – mistoqsijiet – grazzji maqlugħa – kontribuzzjonijiet oħra lil: Editur "Leħen il-Girgenti" Bro. Victor Privitera, F.S.C., Stella Maris College, Gzira.